Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►M7 **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 765/2006**

tat-18 ta' Mejju 2006

dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja ◄

(ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1587/2006 tat-23 ta' Ottubru 2006	L 294	25	25.10.2006
►M2	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 363	1	20.12.2006
►M3	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 646/2008 tat-8 ta' Lulju 2008	L 180	5	9.7.2008
►M4	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 84/2011 tal-31 ta' Jannar 2011	L 28	17	2.2.2011
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 271/2011 tal-21 ta' Marzu 2011	L 76	13	22.3.2011
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 505/2011 tat-23 ta' Mejju 2011	L 136	48	24.5.2011
►M7	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 588/2011 tal-20 ta' Ġunju 2011	L 161	1	21.6.2011
►M8	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 999/2011 tal-10 ta' Ottubru 2011	L 265	6	11.10.2011
►M9	Regolament Implimentattiv tal-Kunsill (UE) Nru 1000/2011 tal-10 ta' Ottubru 2011	L 265	8	11.10.2011
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1320/2011 tas-16 ta' Diċembru 2011	L 335	15	17.12.2011
►M11	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 114/2012 tal-10 ta' Frar 2012	L 38	3	11.2.2012
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 170/2012 tat-28 ta' Frar 2012	L 55	1	29.2.2012
►M13	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 265/2012 tat-23 ta' Marzu 2012	L 87	37	24.3.2012
►M14	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 354/2012 tat-23 ta' April 2012	L 113	1	25.4.2012
►M15	Regolament tal-Kunsill (EU) Nru 1014/2012 tas-6 ta' Novembru 2012	L 307	1	7.11.2012
►M16	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1017/2012 tas-6 ta' Novembru 2012	L 307	7	7.11.2012
►M17	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 494/2013 tad-29 ta' Mejju 2013	L 143	1	30.5.2013
►M18	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
►M19	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1054/2013 tad-29 ta' Ottubru 2013	L 288	1	30.10.2013

►**M20**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 46/2014 tal-20 ta' Jannar 2014	L 16	3	21.1.2014
►**M21**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 740/2014 tat-8 ta' Lulju 2014	L 200	1	9.7.2014
►**M22**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1159/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014	L 311	2	31.10.2014
►**M23**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1133 tat-13 ta' Lulju 2015	L 185	1	14.7.2015
►**M24**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1326 tal-31 ta' Lulju 2015	L 206	16	1.8.2015
►**M25**	Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1948 tad-29 ta' Ottubru 2015	L 284	62	30.10.2015
►**M26**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1949 tad-29 ta' Ottubru 2015	L 284	71	30.10.2015
►**M27**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/276 tal-25 ta' Frar 2016	L 52	19	27.2.2016
►**M28**	Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/277 tal-25 ta' Frar 2016	L 52	22	27.2.2016
►**M29**	Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/331 tas-27 ta' Frar 2017	L 50	9	28.2.2017
►**M30**	Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/275 tat-23 ta' Frar 2018	L 54	1	24.2.2018
►**M31**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1163 tal-5 ta' Lulju 2019	L 182	33	8.7.2019
►**M32**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1387 tat-2 ta' Ottubru 2020.	L 319 I	1	2.10.2020
►**M33**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1648 tas-6 ta' Novembru 2020	L 370 I	1	6.11.2020
►**M34**	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2129 tas-17 ta' Diċembru 2020	L 426 I	1	17.12.2020

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 460 (1587/2006)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 299, 17.10.2014, p. 32 (46/2014)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 328, 13.11.2014, p. 60 (740/2014)
►**C4** Emendi, Ġ.U. L 367, 23.12.2014, p. 126 (1159/2014)
►**C5** Emendi, Ġ.U. L 176, 7.7.2015, p. 40 (740/2014)
►**C6** Emendi, Ġ.U. L 57, 18.2.2021, p. 94 (2020/1648)

▼B
▼M7

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 765/2006

tat-18 ta' Mejju 2006

dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

▼B

Artikolu 1

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, li jinkludu iżda mhux limitati għal:

   (a) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flejjes, *drafts*, *money-orders* u strumenti oħra ta' ħlas;

   (b) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi f'kontijiet, dejn u obbligazzjonijiet ta' dejn;

   (ċ) titoli negozjati kemm pubblikament kif ukoll privatament u dokumenti dwar dejn, inklużi *stocks* u ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, *bonds*, *notes*, *warrants*, obbligazzjonijiet u kuntratti derivattivi;

   (d) imgħax, dividendi jew dħul ieħor fuq assi, jew valur akkumulat jew ġenerat minnhom;

   (e) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji fuq xogħol b'kuntratt jew impenji finanzjarji oħra;

   (f) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, dokumenti ta' bejgħ;

   (ġ) dokumenti li jixhdu xi interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

2) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, fl-ammont, fil-lok, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'bidla oħra li tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-amministrazzjoni ta' portafoll.

3) "risorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull xorta, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jservu għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi.

4) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni ta' l-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, inklużi, iżda mhux biss, il-bejgħ, il-kiri jew l-użu bħala garanzija tagħhom.

▼M7

5) "territorju tal-Komunità" tfisser it-territorji tal-Istati Membri, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom, li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.

▼M7

6) “għajnuna teknika” tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma’ tiswijiet, żvilupp, manifattura, immuntar, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u jista’ jkun f’forma ta’ istruzzjoni, parir, taħriġ, trażmissjoni ta’ konoxxenza operattiva jew ta’ ħiliet jew servizzi ta’ konsulenza; inklużi forom verbali ta’ għajnuna.

Artikolu 1a

1. Huma pprojbiti:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b’mod dirett jew indirett, ta’ tagħmir li jista’ jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, kemm jekk joriġina fl-Unjoni kemm jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Bjelorussja jew għall-użu fil-Bjelorussja;

(b) il-parteċipazzjoni, b’mod konxju u intenzjonat, f’attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom tkun l-evażjoni tal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a).

2. Il-paragrafu 1 m’għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket kontra l-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Bjelorussja minn persunal tan-Nazzjonijiet Magħquda (NU), minn persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, minn rappreżentanti tal-media jew ħaddiema umanitarji u dawk li jaħdmu fl-iżvilupp u persuni assoċjati esklussivament għall-użu personali tagħhom.

3. B’deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif elenkati fl-Anness II jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ tagħmir li jista’ jintuża għal repressjoni interna, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu adegwati, jekk huma jiddeterminaw li tali tagħmir huwa maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv.

▼M29

4. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-azzarini u l-munizzjon tagħhom u viżwali ta' mira li huma elenkati fl-Anness IV u li wkoll jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet għal tagħmir tal-biathlon kif definit fir-regoli tal-avvenimenti u l-kompetizzjonijiet tal-Unjoni Internazzjonali tal-Biathlon (IBU) u huma maħsuba esklussivament għall-użu f'avvenimenti u taħriġ tal-biathlon.

▼M30

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif elenkati fl-Anness II jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' azzarini portivi, pistoli sportivi u l-munizzjon tagħhom, kif elenkati fl-Anness V, li huma konformi wkoll mal-ispeċifikazzjonijiet definiti fil-gwida għall-kontroll tat-tagħmir tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Isport tal-Isparar, taħt tali kundizzjonijiet li dawk l-awtoritajiet iqisu xierqa, jekk jiddeterminaw li tali tagħmir huwa intiż esklużivament għall-użu f'avvenimenti sportivi u taħriġ sportiv irrikonoxxuti mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Isport tal-Isparar.

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 5 mill-inqas għaxart ijiem qabel l-awtorizzazzjoni, inkluż it-tip u l-kwantità tat-tagħmir ikkonċernat u l-iskop li għalih hu intiż.

▼M7

Artikolu 1b

1. Huma pprojbiti:

(a) l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika relatata mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("Lista Militari Komuni"), jew relatata mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti inklużi f'dik il-lista, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Bjelorussja jew għall-użu fil-Bjelorussja;

(b) l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika jew ta' servizzi ta' senserija relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Bjelorussja jew għall-użu fil-Bjelorussja;

(ċ) l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni jew fl-Anness III, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni fuq kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għal kwalunkwe għoti ta' għajnuna teknika relatata lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Bjelorussja jew għall-użu fil-Bjelorussja;

(d) il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom tkun l-evażjoni tal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (c).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-projbizzjonijiet imsemmija fih m'għandhomx japplikaw għal:

(a) tagħmir militari mhux letali, jew tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv jew għall-programmi tan-NU u tal-Unjoni ta' żvilupp ta' istituzzjonijiet, jew għal operazzjonijiet tal-UE u tan-NU ta' maniġġar ta' kriżijiet; jew

(b) vetturi mhux tal-kumbattiment mgħammra b'materjal li jipprovdi protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-Bjelorussja;

sakemm l-għoti tagħhom ikun ġie approvat minn qabel mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, kif identifikata fil-websites elenkati fl-Anness II.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket kontra l-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Bjelorussja minn persunal tan-Nazzjonijiet Magħquda (NU), minn persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, minn rappreżentanti tal-media jew ħaddiema umanitarji u dawk li jaħdmu fl-iżvilupp u persuni assoċjati esklussivament għall-użu personali tagħhom.

▼M29

4. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-azzarini u l-munizzjon tagħhom u viżwali ta' mira li huma elenkati fl-Anness IV u li wkoll jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet għal tagħmir tal-biathlon kif definit fir-regoli tal-avvenimenti u l-kompetizzjonijiet tal-IBU u huma maħsuba esklussivament għall-użu f'avvenimenti u taħriġ tal-biathlon.

([1]) ĠU C 69, 18.3.2010, p. 19.

▼M30

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif elenkati fl-Anness II jistgħu jawtorizzaw il-provvista, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika jew servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-azzarini sportivi, pistoli sportivi u l-munizzjon tagħhom, kif elenkati fl-Anness V, li huma konformi wkoll mal-ispeċifikazzjonijiet definiti fil-gwida għall-kontroll tat-tagħmir tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Isport tal-Isparar, taħt tali kundizzjonijiet li dawk l-awtoritajiet iqisu xierqa, jekk jiddeterminaw li dan it-tagħmir huwa intiż esklużivament għall-użu f'avvenimenti sportivi u taħriġ sportiv irrikonoxxuti mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Isport tal-Isparar.

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 5 mill-inqas għaxart ijiem qabel l-awtorizzazzjoni, inkluż dwar in-natura tal-assistenza jew servizzi relatati.

▼M15

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness I, jew li huma l-proprjetà tagħhom jew miżmuma jew ikkontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom jitpoġġew direttament jew indirettament, għad-dispożizzjoni, tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness I jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun, b'mod dirett jew b'mod indirett, li jiġu evitati l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. L-Anness I għandu jikkonsisti f'lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja ([1]), ġew identifikati mill-Kunsill bħala responsabbli ta' ksur serju kontra d-drittijiet tal-bniedem, jew tar-ripressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew inkella li l-attivitajiet tagħhom joħolqu theddida serja għad-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Bjelorussja, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entitajiet u korpi assoċjati magħhom, kif ukoll persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom.

5. L-Anness I għandu jikkonsisti wkoll f'lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, ġew identifikati mill-Kunsill bħala li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh, kif ukoll persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom.

▼M28

_____

([1]) OJ L 285, 17.10.2012, p. 1.

▼**M3**

Artikolu 2a

Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2) m'għandha tagħti lok għall-ebda tip ta' responsabbiltà min-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi kkonċernati, jekk dawn ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom ikunu jiksru din il-projbizzjoni.

▼**M4**

Artikolu 2b

1. ►**M15** L-Anness I ◄ għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-inklużjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati.

2. ►**M15** L-Anness I ◄ għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi ikkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, din l-informazzjoni tista' tinkludi ismijiet fosthom psewdonomi, data u post tat-twelid, ċittadinanza, numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, sess, indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni, entitajiet u korpi ġuridiċi, din l-informazzjoni tista' tinkludi ismijiet, post u data ta' reġistrazzjoni, numru tar-reġistrazzjoni u post tan-negozju.

Artikolu 3

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fis-siti web elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt tali kondizzjonijiet li jidhrilhom adatti, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma:

(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati ►**M15** fl-Anness I ◄ u l-membri tal-familja dipendenti fuqhom, inklużi ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka immobiljari, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma konnessi mal-forniment ta' servizzi legali; jew

(ċ) intiżi esklużivament għall-ħlas ta' miżati jew kontijiet għal servizzi fil-pussess jew iż-żamma normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati.

2. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fis-siti web elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt kondizzjonijiet li huma jqisu adatti, wara li jkun ġie kkonstatat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji, dment li l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom huwa jikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

▼M4

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1 jew 2.

▼B

Artikolu 4

1. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligazzjonijiet li kienu konklużi jew kreati qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament,

sakemm kwalunkwe tali imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet jibqgħu soġġetti għall-Artikolu 2(1).

2. L-Artikolu 2(2) m'għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-UE milli jikkreditaw il-kontijiet iffriżati, jekk jirċievu fondi trasferiti minn terzi persuni fil-kont tal-persuna, l-entità jew il-korp elenkati, bil-kondizzjoni li kwalunkwe żieda bħal din lil tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tgħarraf bla dewmien lill-awtoritajiet kompetenti b'tali operazzjonijiet.

▼M8

Artikolu 4a

B'deroga mill-Artikolu 2(1), fejn ħlas minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat ►M15 fl-Anness I ◄ ikun dovut taħt kuntratt jew ftehim li ġie konkluż minn, jew obbligu li okkorra għall-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat, qabel id-data li fiha dik il-persuna, l-entità jew il-korp ġiet indikata fil-lista, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fuq is-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk:

(i) l-awtorità kompetenti kkonċernata iddeterminat li l-ħlas mhuwiex direttament jew indirettament ta' jew għall-benefiċċju tal-persuna entità jew korp elenkat ►M15 fl-Anness I ◄; u

(ii) l-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-anaqs ġimagħtejn qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni, jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

▼M14

Artikolu 4b

B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fuq is-siti elettroniċi elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li jikkunsidraw xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi

▼M14

jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.

▼M3

Artikolu 5

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli rigward ir-rappurtaġġ, il-konfidenzjalità u s-segretezza professjonali, persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:

(a) jipprovdu immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti li jidhru fil-websajts elenkati fl-Anness II, fil-pajjiż fejn huma residenti jew ibbażati, b'kull informazzjoni li tiffaċilita l-osservanza ta' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skond l-Artikolu 2, u għandhom jgħaddu din l-informazzjoni, direttament jew indirettament, lill-Kummissjoni; kif ukoll

(b) jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti li jidhru fil-websajts elenkati fl-Anness II fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kull informazzjoni mogħtija jew milqugħa skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-għanijiet li għalihom tkun ingħatat jew intlaqgħat.

▼B

Artikolu 6

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li wieħed jagħmel fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, magħmula fi *bona fide* u bil-konvinzjoni li tali azzjoni hi konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandhomx joħolqu responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew entità jew korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati bħala riżultat ta' negliġenza.

Artikolu 7

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lil xulxin minnufih dwar il-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe tagħrif rilevanti ieħor li jkollhom li jkollu x'jaqsam ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari tagħrif dwar problemi ta' ksur u infurzar u sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

▼M4

Artikolu 8

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-Anness II fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

Artikolu 8a

1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 2(1), hu għandu jemenda ►**M15** l-Anness I ◄ kif meħtieġ.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp

▼M4

imsemmija fil-paragrafu 1, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu mressqa osservazzjonijiet, jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jgħarraf lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp kif meħtieġ.

4. Il-listi ►M15 fl-Anness I ◄ għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar.

▼M28

_____

▼B

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implementati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe emenda sussegwenti.

▼M3

Artikolu 9a

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 3, 4(2) u 5 u jidentifikawhom fil-websajts elenkati fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom sal-31 ta' Lulju 2008 u għandhom jgħarrfuha bi kwalunkwe emenda sussegwenti mingħajr dewmien.

▼M4

Artikolu 9b

F'dan ir-Regolament, fejn ikun hemm rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata jew li ssir xi komunikazzjoni oħra magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li għandhom jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

▼B

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu japplika:

— fit-territorju tal-Komunità, inkluż l-ispazju ta' l-ajru tagħha;

— abbord kwalunkwe inġenju ta' l-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru,

— għal kwalunkwe persuna fiżika li tinsab ġewwa jew barra t-territorju tal-Komunità li tkun ċittadin ta' Stat Membru,

▼B

— għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru,

— għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, kollu kemm hu jew parti minnu, ġewwa l-Komunità.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M27

ANNESS I

Persuni msemmija fl-Artikolu 2(1)

▼M34

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)

A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 2(1)

▼M27

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
1.	Navumau, Uladzimir Uladzimiravich Naumov, Vladimir Vladimirovich	НАВУМАЎ, Уладзімір Уладзіміравіч	НАУМОВ, Владимир Владимирович	Data tat-twelid: 7.2.1956, Post tat-twelid: Smolensk (Russja)	Naqas milli jieħu azzjoni biex jinvestiga l-każ tal-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorussja fl-1999 u fl-2000. Eks Ministru tal-Intern u wkoll eks-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà tal-President. Bħala Ministru tal-Intern huwa kien responsabbli għar-repressjoni matul id-dimostrazzjonijiet paċifiċi sakemm irtira fis-6 ta' April 2009 għal raġunijiet ta' saħħa. Ingħata residenza f'Minsk fid-distrett tan-nomenklatura Drozdy mill-Amministrazzjoni Presidenzjali. F'Ottubru 2014 ingħata l-Ordni "Għall-Mertu" grad III mill-President Lukashenka.
2.	Paulichenka, Dzmitry Valerievich Pavlichenko, Dmitri Valerievich (Pavlichenko, Dmitriy Valeriyevich)	ПАЎЛІЧЭНКА, Дзмітрый Валер'евіч	ПАВЛИЧЕНКО, Дмитрий Валериевич	Data tat-twelid: 1966 Post tat-Twelid: Vitebsk Indirizz: Белорусская ассоциация ветеранов спецподразделений войск МВД "Честь" 220028, Минск Маяковского, 111	Persuna ċentrali fl-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorussja fl-1999 u fl-2000. Kien Kap tal-Grupp ta' Reazzjoni Speċjali fil-Ministeru tal-Intern (SOBR). Negozjant, Kap tal-"Unur", l-Assoċjazzjoni tal-Ministeru tal-Intern tal-veterani minn forzi speċjali tal-Ministeru tal-Intern.

▼M27

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
3.	Sheiman, Viktar Uladzimiravich (Sheyman, Viktar Uladzimiravich) Sheiman, Viktor Vladimirovich (Sheyman, Viktor Vladimirovich)	ШЭЙМАН, Віктар Уладзіміравіч	ШЕЙМАН, Виктор Владимирович	Data tat-twelid: 26.5.1958, Post tat-Twelid: Hrodna region Indirizz: Управление Делами Президента ул. К.Маркса, 38 220016, г. Минск	Kap tad-Dipartiment ta' Ġestjoni tal-Amministrazzjoni tal-President. Responsabbli għall-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorussja fl-1999 u l-2000. Kien Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà. Sheiman għadu Assistent Speċjali tal-President.
4.	Sivakau, Iury Leanidavich (Sivakau, Yury Leanidavich) Sivakov, Iury (Yurij, Yuri) Leonidovich	СІВАКАЎ, Юрый Леанідавіч	СИВАКОВ, Юрий Леонидович	Data tat-twelid: 5.8.1946 Post tat-Twelid: Onory, Reġjun ta' Sakhalin Indirizz: Белорусская ассоциация ветеранов спецподразделений войск МВД “Честь” 220028, Минск Маяковского, 111	Organizza l-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorussja fl-1999 u l-2000. Eks-Ministru għat-Turiżmu u l-Isport, eks-Ministru għall-Intern u eks-Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali.

▼M32

5.	Yuri Khadzimuratovich KARAEV	Юрый Хаджымуратавіч КАРАЕЎ	Юрий Хаджимуратович КАРАЕВ	Ministru għall-Intern, Maġġur Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Data tat-twelid: 21.6.1966 Post tat-twelid: Ordzhonikidze eks Unjoni Sovjetika issa Vladikavkaz, Federazzjoni Russa Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Ministru għall-Intern, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u ta' intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Intern wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.
6.	Gennadi Arkadievich KAZAKEVICH	Генадзь Аркадзьевіч КАЗАКЕВІЧ	Геннадий Аркадьевич КАЗАКЕВИЧ	L-Ewwel Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Intern – Kap tal-Milizzja Kriminali, Kurunell tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Data tat-twelid: 14.2.1975 Post tat-twelid: Minsk, ekx Unjoni Sovjetika (issa Belarussja). Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Intern wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.

▼**M32**

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
7.	Aleksandr Piotrovich BARSUKOV	Аляксандр Пятровіч БАРСУКОЎ	Александр Петрович БАРСУКОВ	Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Intern, Maġġur Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Data tat-twelid: 29.4.1965 Post tat-twelid: Vetkovski, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Intern, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Intern wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.
8.	Sergei Nikolaevich KHOMENKO	Сяргей Мікалаевіч ХАМЕНКА	Сергей Николаевич ХОМЕНКО	Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Intern, Maġġur Ġeneral tal-Milizzja (forza tal-pulizija) Data tat-twelid: 21.9.1966 Post tat-twelid: Yasinovataya eks Unjoni Sovjetika (issa l-Ukrajna) Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Intern, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Intern wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.
9.	Yuri Genadzevich NAZARANKA Yuri Gennadievich NAZARENKO	Юрый Генадзевіч НАЗАРАНКА	Юрий Геннадьевич НАЗАРЕНКО	Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, Kmandant tat-Truppi Interni Data tat-twelid: 17.4.1976 Post tat-twelid: Slonim, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Ministru fil-Ministeru għall-Intern u Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Intern, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Intern, b'mod partikolari t-Truppi Interni taħt il-kmand tiegħu, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.

▼**M32**

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
10.	Khazalbek Baktibekavich ATABEKAU Khazalbek Bakhtibekovich ATABEKOV	Хазалбек Бактібекавіч АТАБЕКАЎ	Хазалбек Бахтибекович АТАБЕКОВ	Viċi Kmandant tat-Truppi Interni Data tat-twelid: 18.3.1967 Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Intern (MoIA),, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Intern, b'mod partikolari t-Truppi Interni taħt il-kmand tiegħu, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.
11.	Aliaksandr Valerievich BYKAU Alexander Valerievich BYKOV	Аляксандр Валер'евіч БЫКАЎ	Александр Валерьевич БЫКОВ	Kmandant tal-Unità Speċjali ta' Reazzjoni Rapida (SOBR), Logutenent Kurunell Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kmandant tal-Unità Speċjali ta' Reazzjoni Rapida – (SOBR) tal-Ministeru għall-Intern, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-SOBR wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi.
12.	Aliaksandr Sviataslavavich SHEPELEU Alexander Svyatoslavovich SHEPELEV	Аляксандр Святаслававіч ШЭПЕЛЕЎ	Александр Святославович ШЕПЕЛЕВ	Kap tad-Dipartiment għas-Sikurezza u s-Sigurtà, Ministeru għall-Intern, Data tat-twelid: 14.10.1975 Post tat-twelid: irraħal ta' Rublevsk, distrett ta' Kruglyanskiy, reġjun ta' Mogilev, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni għolja tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment għas-Sikurezza u s-Sigurtà fil-Ministeru għall-Interni, huwa involut fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Intern wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.

▼**M32**

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
13.	Dzmitry Uladzimiravich BALABA Dmitry Vladimirovich BALABA	Дзмітрый Уладзіміравіч БАЛАБА	Дмитрий Владимирович-БАЛАБА	Kap tal-OMON "Taqsima Distakkata Speċjali tal-Milizzja") għall-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk, Data tat-twelid: 1.6.1972 Post tat-twelid: irraħal ta' Gorodilovo, reġjun ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' kmand fuq il-forzi tal-OMON f'Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-OMON f'Minsk wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.
14.	Ivan Uladzimiravich KUBRAKOU Ivan Vladimirovich KUBRAKOV	Іван Уладзіміравіч КУБРАКОЎ	Иван Владимирович КУБРАКОВ	Kap tad-Direttorat Prinċipali għall-Intern tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 5.5.1975 Post tat-twelid: il-villaġġ ta' Malinovka, Mogilev Oblast, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tad-Direttorat Prinċipali għall-Intern tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-Ministeru għall-Intern wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.
15.	Maxim Aliaksandravich GAMOLA Maxim Alexandrovich GAMOLA	Максім Аляксандравіч ГАМОЛА	Максим Александрович ГАМОЛА	Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.

▼**M32**

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
16.	Aliaksandr Mikhailavich ALIASHKEVICH Alexander Mikhailovich ALESHKEVICH	Аляксандр Міхайлавіч АЛЯШКЕВІЧ	Александр Михайлович АЛЯШКЕВІЧ	L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Intern fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, Kap tal-Pulizija Kriminali Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Intern fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk u Kap tal-Pulizija Kriminali, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.
17.	Andrei Vasilievich GALENKA Andrey VasilievichGALENKA	Андрэй Васільевіч ГАЛЕНКА	Андрей Васильевич ГАЛЕНКА	Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Intern fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment Distrettwali tal-Intern fid-Distrett ta' Moskovski, Minsk u Kap tal-Pulizija tas-Sikurezza Pubblika, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija f'dak id-distrett kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.
18.	Aliaksandr Paulavich VASILIEU Alexander Pavlovich VASILIEV	Аляксандр Паўлавіч ВАСІЛЬЕЎ	Александр Павлович ВАСИЛЬЕВ	Kap tad-Dipartiment tal-Intern tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Gomel/ Homyel Oblast Data tat-twelid: 24.3.1975 Post tat-twelid: Mahilou/Mogilev, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Ġeneru: maskil	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Intern tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Gomel/ Homyel Oblast, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni f'dak ir-reġjun kontra dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrarji u l-użu eċċessiv ta' forza u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura.

▼**M32**

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
